MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 17**

**Il-Ħamis, 05 ta' Ġunju 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 05 ta' Ġunju 2025 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**17.1 Talba;**

17.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

.

**17.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 17**

**Il-Ħamis, 05 ta' Ġunju 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 05 ta' Ġunju 2024 fil-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**17.1 Talba;**

17.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**17.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT17.10, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

17.2.1 Il-membri kienu kollha preżenti iżda is-Segretarju informat lil-membri li rċeviet *email* mingħand il-Viċi Sindku li ser ikollha titlaq fil-05:00 p.m.

**17.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

17.3.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-numru 16 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

17.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Is-Sur Horace Micallef ġibed l-attenzjoni li hu kien ġibed l-attenzjoni fil-laqgħa numru 16, li il-globu taz-*zebra crossing* fit-tarf ta Triq il-Kappillan Hili inkiser u m'għadux hemm u li dan hu ta periklu. Is-Segretarju talbet apoloġija ta dan in-nuqqas. Il-membri ukoll ikonfermaw li dan kien vera ġie diskuss u għalhekk minuti numru 16 ser jiġu koreġuti u dan il-punt ser ikun qed jiġi inkluż kif suppost.

17.3.3 Is-Sindku għalhekk talab li issir dak meħtieġ biex dan il-punt jiġi inkluż u il-minuti jiġu ippreżentati għall-laqgħa li jmiss.

**17..4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

17.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 13/20025 għall-perjodi bejn l-07 ta' Mejju 2025 u s-05 ta' Ġunju 2025 li tammonta għal €14,919.95 ġiet approvata u iffirmata.

**17.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

17.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq li jiġi diskuss u stabilit il-ħinijiet tal-permessi maħruġa mill-Kunsill għal-għeluq tat-toroq. Hu semma li xi snin ilu, il-kunsillier Horace Micallef kien għamel rikjesta biex dawn il-permessi ma jinħarġux qabel 09:00 a.m. Is-Sindku jaqbel ma dan is-suġġeriment, iżda hu talab lil membri jesprimu opinjoni. Il-Viċi Sindku Ivana Mizzi, kienet ta l-opinjoni li dawn issiru biss mil-10:00 a,m. Il-Kunsillier Joseph Mercieca esprima l-opinjoni li bejn il-05:00 p.m. u s-06:00 p.m. jieqfu l-permessi peress li dawk il-ħinijiet ikun hawn ħafna traffiku. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn il-permessi jinħarġu matul is-sena kollha mid-09:00 a.m. il-quddiem.

17.5.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ġie infurmat li hemm xi *Telephone Box* li kienet faċċata tal-knisja u li din tinsab għand il-

kumpanija *GO plc*. Ġie deċiż li nitolbuhom iżommuha għal fiti xhur oħra u jekk din tkun problema nreġaw inresqu dan il-punt għal diskussjoni biex naraw x nistaw nagħmlu biex din tkun użata b'mod alternattiv fil-laqgħat li jmiss.

17.5.3 Is-Sindku għamel referenza għat-tlett bankijiet li hemm taħt iz-zuntier tal-knisja. Dawn jinstabu fi stat mhux daqshekk presentabli. Hu issuġġerixxa li naraw nistawx nuzaw tlieta mill-*Playing Field*. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn l imsemmija ma jaqblux ma dak l-ambjent. Ġie għalhekk deċiż li dawn jinzebgħu u l-quddiem naraw li nibdluhom.

17.5.4 Is-Sindku xtaq jinforma lil membri dwar is-safra li konna fil-ħsieb li nagħmlu f'Settembru 2025. Minn stimi li għandna sa issa u jidher li dan mhux ser ikun inqas minn €1,000. Hu ikkonferma dak li fil-prezent li qed iżomm milli nikonfermaw hi l-problema li qed insibu biex nikru *coach*. L-istimi huma marbuta ma 20 persuna bejn it-02 u is-06 ta Settembru. Jekk sal-laqggħa li jmiss ma nkunux ikkonfermajna *coach* se ikolna nieħdu deċiżjoni.

17.5.5 Is-Sindku informa lil membri li l-ewwel attività tad-*Day Centre* marret tajjeb ħafna b'konkorrenza tajba. Hu xtaq li nirrevedu l-prezz għal-dawk li joqgħodu l-barra mir-raħal. Dan fid-dawl tal-fatti li issa nafu l-ispejjez li jinvolvi u ser nkunu qed nippruvaw nġibu *speakers* minn xi għaqdiet b' mod volontarju. Hu irrakkomanda li mill-prezz li kien deċiz ta €7.00 innizluh għal €5.00. Wara diskussjoni ġie deċiż li jekk insibu appoġġ tad-dipartiment Anzjanita Attiva u/jew l-Ministeru tas-saħħa inkunu nistaw nagħmlu dan il-pass.

17.5.6 Is-Sindku xtaq jiddiskuti ukoll l-prezz ta' Festa Anzjani. Wara diskussjoni ġie deċiż li dan ikun ta €20.00 għal dawk li ma jgħixux il-Fontana.

17.5.7 Is-Sindku ippreżenta lil membri l-istimi li nġabru għat-*TV* u *stand* biex jintuzw bħala *projector* fl-attivitajiet/korsijiet. Fil-prezent kien qed jintuża dak tal-knisja u għal dan il-membri kienu rikonoxxenti. Wara li ġew diskussi l-istimi u l-kriterji neċċesarji ġie deċiż liema ser jinxtraw.

**17.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

17.6.1 Il-Viċi Sindku, is-sinjura Ivana Mizzi semmiet l-korrispondenza ta Dun Manuel Cordina dwar l-linja tal-bini ta Triq tal-Għajn fid-dawl tal-permess ta bini li nħareġ. Hi rrakkomandat li nkellmu avukat u perit fuq

din il-kwistjoni. Ġie diskuss u deċiż il-fatt li l-linja gwida hi stabilita mill-awtorita' (*street alignment*), u wara li nitolbu lil-xi perit biex nakwistaw informazzjoni fuq din l-linja, nerġaw niddiskutu din l-informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

17.6.1.1 Is-Sinjura Ivana Mizzi għamlet referenza għal-kors tal- *First-Aid* li għalih hi kellha kliem ta tifħir u li xtaqet li għalih kien hemm aktar attendenza. Hi semmiet xi punti li ġew irrakomandati mill-persuna li mexxa l-kors biex nkunu konformi mas- *safety precautions.* Punt ieħor li ħareġ kien li l-*AED machine* tal-*playing field* bil-battery u l-*pads* tagħha skaduti u ma hemmx anqas l-pack bl-aċċesorji neċessarji. Ġie irrakomandat li napplikaw għall-magna oħra aktar avanzata u nsibu post alternattiv għal din li għandna fil-prezent. Il-membri qablu unanimament.

17.6.1.3 Is-Sinjura Ivana Mizzi xtaqet li jiġi diskuss l-*Keep-Fit classes.* Ġew diskussi modi varji kif jistaw jiġu organizzati dawn it-tip ta korsijiet u ġie deċiż li niġbru aktar informazzjoni fuq programmi varji u prezzijiet ta korsijiet li jistaw issiru minn *Instructors* tar-raħal li huma kwalifkati.

Is-Sinjura Ivana Mizzi talbet biex tkun tista titlaq mill-laqgħa.

17.6.2 Il-kunsillier Joseph Merieca xtaq li nagħmlu talba lill-Kunsill tar-Rabat biex jinstallaw mera faċċata tal-uffiċċju tal-*Gozo Association for the Deaf.* Il-memri preżenti qablu unanimament.

17.6.2.1 Il-kunsillier Joseph Merieca stasqsa jekk għal-ġimgħa tal-festa hux possibbli li iċ-ċint ta fuq iz-zuntier jinżel b'filata biex ikun jista jitgawda in-nar minn fuq iz-zuntier. Is-Segretarju ser jiddiskuti mal-perit inkarigat mill-proġett biex jara x'jista issir.

**17.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

17.7.1 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni dwar rikjesta mingħand Carmelo Mizzi biex jikri s-Sala tal-Komunita għal- *party* tal-Grizma. Il-kunsill qabel.

17.7.2 Is-Segretarju għamlet referenza għal-ittra elettronika li ntbgħatet lil membri kollha dwar ikel tal-qtates quddiem residenza. Is-Segretarju infurmat lil membri li hi bgħatet mistoqsija lil-avukat tal-kunsill biex qabel ma titieħed azzjoni nkunu ċerti xi tgħid il-liġi u dan ikkonferma li l-liġi ma tistipulax li minn jgħalef irrid joqgħod mal-ikel, iżda hu ikkonferma li hu illegali li tħalli ikel quddiem residenza. Fid-dawl ta dan

ġie deċiż li fil-*leaflets* nagħmlu ftit enfasi fuq l-indafa, etc filwaqt li naraw mad-dipartiment x'sapport jistaw jofru ta gwida.

17.7.3 Is-Segretarju xtaqet tinforma lil membri li rċevit l-invit mingħand il-Kappillan għal kunsill u l-istaff għall-quddiesa tal-Pontifikal. Hi staqsiet minn hu intenzjonat li jattendi. Ġie deċiż li niċċekkjaw jekk hux possibbli li jiġu l-*partners.*

17.7.4 Is-Segretarju infurmat lill membri li ġiet ir-residenta li toqgħod fi Triq is-Sajjieda u talbet li ssir xi tip ta tabella biex ma jitpoġġiex żibel fuq il-bankina tal-entratura tal-blokka. Ġew diskussi diversi ideat ta kif tista' tissolva din is-sitwazzjoni, ġie deċiż li nagħmlu kuntatt mar-residenta u nitolbu tressaq l-ilment tagħha lil *condiminium owner* peress li s-soluzzjonijiet diskussi kollha fihom impatt negattiv.

17.7.5 Is-Segretarju resqet ukoll talba mit-TM ta' resident li qed jitlob Parkeġġ Riservat fi Triq is-Sajjieda. Il-kunsill qabel li nibgħatu nsaqsu fejn hu propost li jsir dan il-parkeġġ peress li r-residenti li qed jagħmel it-talba joqgħod eqred lejn Triq il-Kappillan Hili.

17.7.6 Is-Segretarju xtaqet tinforma li ilbieraħ il-paroċċa kienet mistiedna għall-quddiesa il-Katidrall. Wara diskussjoni mas-Sindku u l-*handyman,* offrejna li nwaslu lir-residenti bil-vann tal-kunsill. Is-segretarju xtaqet li titiħed deċiżjoni jekk f' sitwazzjonijiet simili jaqblux li nofru dan it-tip ta servizz u jekk jaqblux li din tinsaq minn terzi. Il-Kunsill qabel li jekk il-*handyman* ikun dispost li jagħmel dan is-servizz hu ma jsibu l-ebda oġġezzjoni iżda ma jaqblux li l-vann tinsaq minn terzi.

17.7.7 Is-Segretarju xtaqet li titieħed deċiżjoni fuq it-*traffic management* ta' Triq Għajn Tuta peress li din it-tema kienet għada pendenti mill-laqgħat preċedenti. Ġie deċiż li l-pjan issir għat-triq kollha. Waqt l-istess punt ġie diskuss ukoll it-*traffic management* ta' Triq tal-Għajn u ġie deċiż li dan issir mill-knisja u li fih ninkludu ukoll Triq Qalb ta' Ġesu u ġie maqbul li nitolbu is-serizz tal-Perit Edward Scerri.

17.7.8 Is-Segretarju għamlet ukoll referenza għal-korrispondenza minn resident li joqgħod Wied Siekel dwar *safety precautions.* Ġie deċiż li nibgħatu din il-korrispondenza lil *Community Police* u nitolbuh jagħmel aktar rondi fl-akwati.

17.7.9 Is-Segretarju għamlet referenza u summarju ta dawn il-korrispondenzi:

| | |
|---|---|
| AKL | W: Cir AKL 2025/034_Sejħa għall-Parteċipazzjoni f'Tournament Nazzjonali tad-Draughts għall-Kunsilli Lokali |
| Fondation robert schuman | FW: The European Union and national sovereignty: a new democratic challenge? |
| Iklin local council | FW: Festa Fjuri 2025 L-Iklin - Saturday 17 May from 0900hrs to 1400hrs |
| Information at SEM | FW: Information Session: Actions Addressing Marine Litter |
| AKL | W: Cir AKL 2025/035_ALDA Local Training on the EU Charter of Fundamental Rights |
| AKL | FW: Cir AKL 2025/031_Kwestjonarju Kunsilliera Lokali |
| Information at SEM | FW: Information Session: Strengthening and Developing Legal Migration |
| Ipsos affarijiet pubbliċi ewropej | FW: Aqsam l-opinjonijiet tiegħek dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea - [ |
| Flimkien għal Ambjent Aħjar (FAA) | FW: Invitation to Putting Residents First Conference |
| Fontana /TM | Ivana's request for Road Closure Triq tal-Għajn |
| Danilo crastolla | FW: PARTNERS AND APPLICANTS SEARCH FOR COVE CALL FOR PROPOSALS AND INTERREG ADRION CALL FOR PROPOSALS |
| AKL | AKL 2025/035_ALDA Local Training on the EU Charter of Fundamental Rights |
| Lifelong learning & employability | W: DLE is pleased to invite you to 2 ACE Workshops, which will be held on the 31st of May 2025 |
| DLG | FW: Co-financing committee meeting |
| DLG | FW: Invitation to the Multilevel Governance Conference - Gozo 13 June 2025 |
| Nicky saliba regjun ghawdex | Seminar on 'Construction Methods for Adaptability to the Gozo Local Context' |
| EU affairs - DLG | FW: Invitation to the Cities Forum 2025 – Kraków, Poland \| 17–19 June 2025 |
| AKL | FW: Cir AKL 2025/037_Life Skills lab promotion through local councils |
| Henrey alamago | FW: Sqaq fuq il lunzjata |
| Head of Animal Welfare Unit | FW: Notification Protocol for Reporting Bird and Poultry Deaths to the VRD |
| Veterinary regulation directorate | FW: Notification Protocol for Reporting Bird and Poultry Deaths to the VRD |
| Veterinary Services | FW: Newcastle Disease |
| Andreas Kauffmann | Suggestion |
| | FW: Short Questionnaire on Environmental Volunteering |
| Parrocca Fontana | FW: Stedina għall-Pontifikal tal-Festa 2025 |
| MIEMA | FW: Invite - Webinar - European Energy Communities Facility - 11th June 2025 |
| | FW: PRESIDENT ĠDID TAL-EUROPEANS THROUGHOUT THE WORLD (E.T.T.W.)hamrun |

| | |
|---|---|
| | FW: INVITATION - RICKY CARUANA PODCAST ANNIVERSARY PARTY 7TH JUNE |
| Emil Vassallo | FW: Stħarriġ importanti fost il-kunsilliera kollha |
| | FW: Ċirkulari - Attivitajiet Pubbliċi bl-Involviment ta' Annimali |
| Reminder | FW: Invitation to the Multilevel Governance Conference - Gozo 13 June 2025 |

17.7.10 Saret ukoll referenza għal-stima li rċieva il-kunsill għal Festa Anzjani 2025, ġie deċiż li jintazlu Ta' Verna Folk Group bi trio. Inġibdet l-attenzjoni li kienet ftit problem issib grupp li jista jagħti servizz filgħodu. Fl-istess diskussjoni saret referenza għal-ikel ta l-istess avveniment, dan ser ikun 3 course meal u ser nikru l-platti, cutlery u server mingħand l-istess kumpanija. Ġie ikkonfermat li ser jinġab mistieden speċjali Dun Lawrenz Xerri u saret talba biex naraw liema membri ser jattendu biex nikonfermaw in-numru.

17.7.11 Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni tal-membri li informazzjoni mhux diskussa fil-laqgħa mhux permessibli li tiġi mgħoddija lil terzi persuni qabel il-laqgħa li fiha tiġi diskussa it-tema. Dan hu speċifikat fil-liġi u il-ksur ta din il-liġi iġib miegħu konsegwenzi.

**17.8 Aġġornament tal-Proġetti u Proġetti ġodda;**

17.8.1 Is-Sindku xtaq jinforma li hu talab lil-perit responsabli mill-proġett ta "taħt ir-railing" biex jipprepara l-BOQ tal-ħitan li hemm fl-area tal-proġett. Hu talab lil istess perit biex jirrakkomanda lill-kunsill jekk il-ħitan jitkaħlux jew jitnaddfu u jibqaw fuq il-fil. Skond il-BOQ tinħareġ il- *Call for Quotations.* Fuq l-istess proġett hu ippjanat li sal-laqgħa li jmiss il-kunsill ikollu fidejh stima tal-extension tal-culvert li dwar dan il-kunsill kien qabel li issir xi xahrejn ilu. Fil-prezent is-Segretarju qed taħdem biex tiġbor tlett stimi biex jinbarax u jizebagħ il-ħadid li diġà hemm. Il-kunsillier Joseph Mercieca ġibed l-attenzjoni li għal dan ix-xogħol taz-zebgha nistgħaw nitolbu l-għajnuna lil MGOZ.

17.8.2 Dwar il-proġett tal-istatwi il-kunsill qed jistenna li niltaqaw mal-uffiċjali tal-kurja biex jiġeded il-kuntratt. Wara li jiġi iffirmat il-kuntratt se jiġi miltub BOQ aġġornat biex jiggwida il-proċess tat- *Tender.* Il-kunsillier Joseph Mercieca ġibed l-attenzjoni li hu kien diġà wera ix-xewqa li dawn l-istatwi jitnizlu fuq iz-zuntier u biex il-proġett ikun komplut issiru ukol il-fanali li kien hemm pjanati. Is-Sindku ikkonferma li hu se jressaq dawn

il-punt lil perit tal-kurja biex naraw xi jkun jinvolvi tal-proġett u jekk hux possibbli u din il-materja terġa titressaq għal-laqgħa.

17.8.3 Is-Sindku ikkonferma li hu flimkien mas-Segretarju iltaqa' ma l-Engineer Simon Mizzi flimkien ma is-Sur William Sultana li ser ikun qed jgħin fl-applikazzjoni tal-iskema *SPI/SCI/07/2025.* Hu informa li ser napplikaw u bil-fondi ser issir *Learning hub/* Librerija u ser jitlestew il-*finishin*gs basiċi bħal madum, aperturi, etc biex iċ-Ċentru Ċiviku ikun jista' jibda jintuża mir-residenti. Hu għamel referenza għal-laqgħa oħra li saret li għalija kien ukoll preżenti il-kunsillier Horace Micallef li hu responsabli flimkien mas-Sindku għal proġetti kapitali. F'din il-laqgħa ġie issuġerit biex issir VRF dan minħabba il-fatt li fiċ-Ċentru Ċiviku ma ġiex maħsub post għal-fannijiet tal-*Air-Conditioners.* Dan il-VRF se jkun qed ikopri għal-Kunsill kollu bl-uffiċju li qed jintuża fil-prezent inkluż is-Sala tal-Komunita'. F'din l-iskema ser inkunu qed ninkludu ukoll rinovar tas-Sala u jinbidel l-madum u is-suffit u jekk jippermettu l-fondi hemm il-ħsieb li ninkludu ukoll kċina żgħira fil-kamra li preżentement nirreferu għalija bħala taħt it-taraġ. Wara diskussjoni mal-membri preżenti ġie deċiż li niproċedu u nikonfermaw mal-Engineer biex jipprovdi l-BOQ sabiex inlestu l-proċess fil-ħin biex id-dokumenti jkunu lesti qabel id-*deadline* tal-*application.*

17.8.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li matul dawra mar-raħħal innota li l-Għajn tal-Ħasselin reġat qed titikel avolja din kienet ġiet irrestawrata zewġ leġislazzjonjiet ilu. Hu talab biex jiddiskuti dan il-punt u ġie deċiż li nqabbdu perit biex jagħmel il-BOQ u jipprepara l-permessi neċċesarji biex kif inkun hemm possibilità biex napplikaw għal xi skema jkollna kollox bil-lest. Ġie imsemmi ukoll ix-xelter u dan ser ikun imnaddaf bħala parti mill-proġett filwaqt li naraw ukoll jekk l-Għajn ta' Bendu hux bżonn xi xogħolijiet. Il-kunsill qabel li mmexxu f'dan ir-rigward.

**17.9 L-aħħar preparazzjonijiet għal-avvenimenti tal-Festa;**

17.9.1 Is-Sindku ikkonferma li għal Festa Anzjani il-prezz għal dawk mhux mir-raħħal ser ikun "cost price" u mill jidher ser ikun hemm attendenza tajba.

17.9.2 Is-Sindku xtaq jikkonferma li għal Festa Tfal ser ikunu qed noffru *popcorn* lit-tfal kollha waqt ix-xow tal-*Magician* u ġelat wara ix-xow flimkien ma *drink.*

**17.10 Milied 2025;**

17.10.1 Is-Sindku ippreżenta id-disinni finali li fuqhom ġiet sottomessa l-applikazzjoni *SPI/SCI/04/2025* dwar il-Milied. Hu reġa ikkonferma li dak inhar tal-attivita' ser ikun hemm kant tal-Milied u ser inqassmu l-imbuljuta. Parti minn dan il-proġett ser nagħmlu ukoll kors *hands on* tal-bini tal-presepji.

**17.11 Permessi Zona B;**

17.11.1 Is-Sindku informa lil membri li fil-prezent il-kunsill qed jirċivi rikjesti minn persuni li jħadmu in-nies magħhom li m'humiex residenti il-Fontana għall-ħruġ ta permess ta Zona B. Għal din ir-raġuni xtaq li dan il-punt jitqajjem għal diskussjoni. Wara diskussjoni fit-tul il-kunsill qabel li jonora il-liġi għaliex jekk ikun hemm ksur tal-liġi hu l-kunsill li jkun responsabli. Il-liġi torbot lil kunsill li jaderixxi mal-liġi preżent sakemm din ma tiġix aġġornata mill-awtoritajiet relevanti.

**17.12 Karnival 2026;**

17.12.1 Is-Sindku ippropona li din is-sena norganizzaw attivia' fir-raħal għaz-zmien tal-Karnival. Hu spjega li fil-prezent hemm skema ta' Finanzjament *SPI.SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026.* Hu issuġġerixxa li napplikaw għal-attivita' u li għal darba oħra inżommu l-elementi li sa issa konna qed nibbazaw l-attivitajiet tagħna fuqhom – *hands on events.* L-idea proposta tinvolvi lil membri li jattendu id- *Day Centre* tal- Anzjani u lit-tfal, u flimkien ma l-għaqdiet norgaizzaw attivita' fejn tiġi ippreparata il-prinjolata bl-għajnuna tal-anzjani. Waqt din l-atttivita' ser ikun hemm ukoll sfilata tal-Karnival u *entertainer* li janima l-attivita'. Biex din l-attivita' tkun ta livel ġie issuġerit li naviċċinaw pastiċier biex imexxi is-seessjoni. Bħala preparamenti għal din l-attivta' tal-Karnival, fil-bidu tas-sena norganizzaw attivta' ta tisjir tal-prinjolata waqt l-attivita' tad- *Day Center* biex nassiguraw li l-membri kollha jkollhom għarfien ta kif issir u għalhekk nofru opportunita lil kull membru li jattendi biex jieħu sehem attiv fl-attivita' tal-Karnival. Wara diskussjoni fuq min jista jgħin għal din l-attivita' l-membri qablu li napplikaw għal din l-iskema.

**17.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-06: ta' filgħaxija. Ġie deċiż il-laqgħa li jmiss tkun nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju fit-03:30 p.m.

Konfermati, llum, it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA